MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 320/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet zzewgu fit-22 ta’ Gunju 1993 fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta. Huma kellhom zewgt itfal li twieldu fit-13 ta’ Novembru 1993 u fit-22 ta’ Marzu 1996 rispettivament. Il-partijiet infirdu legalment permezz ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Patricia Vella Haber fid-9 ta’ Lulju 2003.

Illi għalkemm kien jidher li l-istess żwieġ kien validu, effettivament, dan ma kienx.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsujew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

Illi l-istess esponenti għandha interess li żwieġ ikkontrattat fit-22 ta' Ġunju 1993 jiġi dikjarat null għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u għalhekk qed isir dan ir-rikors.

Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, l-attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li ż-żwieġ ikkontrattat fit-22 ta' Ġunju 1993 bejn il-partijiet jiġi dikjarat null għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat li, għalkemm debitament notifikat, l-intimat għażel li ma jweġibx għall-kawża.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit kollha.

Semgħet ix-xhieda viva voce.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawża żżewġu ċivilment fit-22 ta' Ġunju 1993. L-unika raġuni li għaliha daħlu għaż-żwieġ kien għaliex kienu jaħsbu li b'hekk setgħu jitolbu li t-

tarbija li kien ser ikollhom titghammed. Dan ma sehhx u, meta twieled it-tieni iben taghhom, ir-rikorrenti ma riditx li jkollha zewgt itfal mhux mghammda. Ghalhekk izzewgu ukoll bid-dritt kanoniku sabiex uliedhom ikunu jistghu jaghmlu precett u grizma bhal tfal ohra. L-intimat qatt ma kellu interess jizzewweg u la qabel u lanqas wara z-zwieg ma refa' ebda parti mill-obbligazzjonijiet li jgib mieghu zwieg, lanqas ma qatt kien fidili lejn martu. Ir-rikorrenti issa qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u/jew l-Art. 19 (1) (f).

B'referenza ghall-Art. 19 (1) (f):

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

**"***Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)*", ("**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awissu, 1995).

Dawn il-Qrati rritenew ukoll:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, <u>b'att pozittiv tal-volonta' taghha</u>, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur*", ("**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2004).

Fil-kaz in ezami, il-Qorti hija tal-fehma illi l-oneru impost mil-ligi fuq ir-rikorrenti gie sodisfatt.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Gunju 1993 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------